MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 6/1997/1

**Saviour Xeureb, John Xeureb, Tessie Falzon, u Edwidge Xeureb f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici ad lite t' bintha minuri Maria Xeureb**

**vs**

**Joseph Scicluna**

Il-Bord

Ra r-rikors promotorju:

"Illi l-esponenti jikru bi qbiela lill-intimati porzjon raba' mill-artijiet denominati ta' Liemu limiti tar-Rabat versu l-hlas ta' erba' liri Maltin (Lm4) fis-sena li jithallsu kull 15 t'Awissu ta' kull sena bil-quddiem.

Illi recentement l-esponenti saru jafu li l-intimat ceda jew issulloka din il-porzjni raba’ lil terza persuna bi ksur tad-divjet komminat minn artikolu 4 (2) (c) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dan il-fatt jintitola lill-esponenti jirriprendu lura l-pussess ta’ din il-porzjoni raba’.

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdin bil-qima jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-porzjoni raba mill-artijiet denominati ta’ Liemu fir-Rabat u dan billi jipprefiggi zmien qasir li fih l-intimat ghandu jizgombra minnha u tiffissa kumpens xieraq dovut lill-istess intimat.

Rar-risposta tal-intimat:

Illi preliminarjament ir-rikorrenti Edwidge Xeureb ghandha tipprova illi hija awtorizzata tidher u toqghod f’dan il-gudizzju bhala kuratrici ‘ad litem’ ta’ bintha minuri Maria Xeureb.

Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jippruvaw x’titolu ghandhom fuq il-porzjon raba’ mertu ta’ dan ir-rikors.

Illi fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante illi mhuwiex minnu li r-rispondent qatt ceda jew issulloka l-kirja tar-raba ’de quo’ lil jew a favur ta’ terzi.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi skond il-verbal tas-seduta tat-28 t’Ottubru, 1998, l-itimat irtira l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk filwaqt illi l-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta’ l-istess eccezzjoni jissokta jiddeciedi fuq il-mertu kif gej;

Illi wara li ra d-dokumenti esebiti mir-rikorrenti fir-rigward tat-titolu taghhom, huwa sodisfatt illi r-rikorrenti pruvaw l-provenjenza tal-art mertu tal-kawza u ghalhekk huma intitolati jadixxu lil dan il-Bord *qua* sidien tal-ghalqa mqabbla lill-intimat;

Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu r-ripresa ta' dan ir-raba fuq l-iskorta ta' dak ravvizat fl-artikolu 4 (2)(c) tal-Kap 199 u ghalhekk fuq il-premessa unika li l-intimat ceda jew issulloka din il-prozjon raba lil terza persuna minghajr il-kunsens tas-sidien rikorrenti. Fil-kors ta' dawn il-proceduri thallew isiru diversi domandi dwar il-htiega ta' dan ir-raba' ghall-ghixien tar-rikorrenti u tal-familji taghhom u sahansitra fin-nota ta' sottomisjonijiet taghhom, l-intimati osservaw li l-kawzali fir-rikors promotorju huma tnejn, izda ezaminat ir-rikors promotorju tirrizulta kawzali wahda biss u minn ezami tal-atti u tal-verbali ma hemm xejn x'jindika li fil-mori tar-rikors r-rikorrenti talbu u ottjenew xi zieda fil-kawzali.

Kif jinsab akkolt fil-gurisprudenza dwar kawzi simili, (ara ad ezempju s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru, 2004 fl-ismijiet **Baruni Gino Galea Trapani Ferio pro et noe et vs Paolo Deguara et** ) "huwa pacifikament akkolt illi "pero" hu car u ovvju illi hu s-sid li jird jipprova dak li jallega u cjoe li l-inkwilin bla kunsens tieghu ssulloka l-fond jew ittrasferixxa l-kirja. U tali prova mhux bizzejjed li tkun indizju jew probabilita'. Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lil-gudikant ghall-konvinciment illi l-inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt juzufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil haddiehor" – Concetta Theuma et-vs-Ir-Riverendu Dun Gwann Mercieca et App 20 ta' Frar 1996.

Illi minn dan kollu r-rikorrenti ma ssodisfaw l-ebda rekwizit ghaliex huma jallegaw biss c-cessjoni jew sullokazzjoni bis-sahha tal-uniku xhud taghhom Saviour Xuereb. L-intimat Joseph Scicluna in subizzjoni jichad dan kollu u jghid li fil-hidma f'din l-ghalqa huwa jkun mghejjun mill-gar tieghu li huwa gabilott meta jistaqsieh jew meta jfettillu. Noel Ablea li offra x-xhieda tieghu u qal li gieli jghin lill-

intimat fl-ghalqa billi jgorlu xi affarijiet bil-vann stante li l-intimat, li huwa zijuh, ghandu biss karozza. Ir-rikorrenti esebixxa ritratt li jsostnu li juru persuni estraneji fl-ghalqa de quo izda fl-ewwel lok jichad li wiehed minnhom huwa l-istess intimat kif ukoll jikkonferma li dawk ir-ritratti hadhom wara li kienet intavolata l-kawza;

Ezaminati dawn il-provi, l-Bord huwa tal-fehma illi ma jirrizultax li l-intimat

ceda jew issulloka l-art lilu mqabbla u ghalhekk ghal dawn il-motivi, jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------